**Tiġri warajja**

Ma nafx fejn immur ninħbielek
U hekk int issibni xorta
Qisek le tgħaddi mingħajri
Jkolli nistaqsik: "Jimporta?"

Is-skiet tiegħek baqa' jsaltan
Ġewwa qalbi hemm tweġiba,
Imħabbtek soda għalija
Qed tweżinni mit-tgerbiba.

Ta' min lill-ħajja hekk qatel
Ma jarax ħlief flus u gwadann,
Nesa li mistohbi f'daru
Għandu l-eħrex, l-agħar ingann.

Imm'int bi tjubitek ħelwa
Tibqa' tfakkarni f'dak il-kliem,
Li għax ħiereg minn qalb tajba
Hu biss iseħħlu jagħti s-sliem.

"Imbierka hi l-qalb ħanina
Li taf taqsam, tgħix ma' kulħadd,
Tifhem li jiemha  magħduda
Għalhekk ma tħares lejn wiċċ ħadd."

Imbierka l-qalb li dan tafu,
Għarfietu u qiegħdha tgħixu,
Ixxandru l'hawn, l'hemm madwarha
Fis-skiet, mingħajr ħafna plejtu.

Għidli, fil-verita x'jibqa'?
Jekk mhux ponn daqshiex mimli trab?
Tbiegħed mix-xeħħa, la tinġarrx
Mill-kilba, 'nkella ma tinstabx.

Għalhekk inħobbok o kelma
Hekk twajba, tiġi f'saqajja,
Ibqa' urini l-għerf veru
La tieqafx tiġri warajja.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' Lulju 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.